IR-RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

* **MINUTI tal-Laqgħa A 39**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù Itaqa' nhar**
**It-Tnejn 20 ta' Jannar 2014 fis-6.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat** Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sra Cecilia Bonello | Ċerpersin |
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Membru |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Il-Prof. Anthony Griscti Soler | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sra Etienne Stephania Gatt | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.40 pm

**Iċ-Ċerpersin Cecilia Bonello pproponiet li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa *item* numru 5 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti spjegazzjoni tal-*budget*. Issekonda din il-proposta s-Sur Lino Pace Bonello. Il-Kumitat qabel.** Bdil fil-ordni tal-aġenda

**5.00 Budget 2014**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Paul Bugeja sabiex jagħti spjega tal-*budget* għas-sena 2014; liema *budget* jinsab anness ma' dawn il-minuti. Budget 2014

5.02 Is-Sna Cecilia Bonello pproponiet li l-*budget* jiġi approvat. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-Kumitat qabel unanimament.

**Il-Kumitat qabel li jkompli bl-ordni tal-aġenda.**



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A 37**

1.01 Iċ-Ċerpersin Cecilia Bonello pproponiet li l-minuti tas-seduta numru A 37 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-Kumitat qabel unanimament.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A37

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A 37**

Punti Mqajma mill-minuti A37

Ma kien hemm l-ebda punt x'jiġi diskuss.

**3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A38**

3.01 Iċ-Ċerpersin Cecilia Bonello pproponiet li l-minuti tas-seduta numru A 38 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-Kumitat qabel unanimament.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A38

**4.00 Kommunikazzjoni mill-membri**

4.01 Iċ-Ċerpersin Cecilia Bonello infurmat il-laqgħa li rċeviet telefonata mingħand is-Sur Patrick Mifsud mill-MEPA. Huwa nfurmaha li l-MEPA nqasmet f'sezzjonijiet u hu ser ikun il-persuna responsabbli mill-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù, mill-Kumitat Amministrattive tal-Baħrija u mill-Kunsill Lokali tar-Rabat. Huwa talab li ssir laqgħa mal-Kumitat Amministrattiv nhar l-Erbgħa 20 ta' Jannar 2014.
Il-Kumitat qabel li s-Segretarju Eżekuttiv tikkuntattjah ħalli jsiru l-arranġamenti neċessarji biex tkun tista' ssir din il-laqgħa.

Laqgħa ma' rappreżentant tal-MEPA

4.02 Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgħa li kien qed jirriżenja mill-kariga li kien qiegħed jokkupa bħala rappreżentant tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù fil-Bord Editorjali tar-Rabta. Il-Kumitat laqa' din it-talba.

Riżenja mill-bord editorjali tar-Rabta

**6.00 Affarijiet Oħra**

Ma kien hemm l-ebda punti oħra x'jiġu diskussi.

Affarijiet Oħra

**7.00 Data tas-seduta li jmiss**

7.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Frar 2014 fis-6.30 pm — Data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-7.20 pm

**Cecilia Bonello**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**